# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 22 ta' April 2021**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 212/2010 JVC**

**Azzjoni Kattolika Maltija**

**vs**

**Mary Rose Espinosa,** li ghandha karta ta' l-identita' numru 947547M, **Anthony Farrugia,** li ghandu karta ta' l-identita' numru 845248M, **Monica Runco,** li ghandha karta ta' l-identita' numru 604850M, **Vincent Farrugia,** li ghandu karta ta' l-identita' numru 679652M,

**Carmel Farrugia,** li ghandu karta ta' l-identita' numru 147955M, **Rita Bonello,** li ghandha karta ta' l-identita' numru 268257M, **Alfred Farrugia,** li ghandu karta ta' l-identita' numru 268157M, **Maria Young,** li ghandha karta ta' l-identita' numru 733862M, **Vincent Laurence Farrugia,** li ghandu karta ta' l-identita' numru 395135M, **Ersilia Casapinta,** li ghandha karta ta' l-identita' numru 279937M, u **Michael Farrugia,** li ghandu karta ta' l-identita' numru 302742M

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti l-Azzjoni Kattolika Maltija kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi, fil-21 t'April, 2007, miet fil-Pieta' iz-ziju tal-konvenuti, Emanuel Farrugia, bin il-mejtin Vincenzo Farrugia u Maria Farrugia *nee'* Debattista, imwieled il-Hamrun, u kellu karta ta' l-identita' numru 563118M (Dok. A 1);

2. Illi, bl-ahhar testment tieghu fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Busuttil, LL.D., tat-18 ta' Dicembru, 2004, (Dok. A 2, Dok. A 3, u Dok. A 4), l-istess Emanuel Farrugia halla legat lill-

ghaqda attrici li jikkonsisti fil-fond, u cioe' d-dar inkluz il-*back garden* u l-garaxx li hu adjacenti ghad-dar, accessibbli minn bibien markati ufficjalment bin-numru tmienja u disgha (8 u 9), Notabile Road, Birkirkara, bl-arja libera taghha, hekk kif deskritta fl-istess tesment u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghhom, u istitwixxa b'eredi tieghu universali u padruni assoluti tal-assi kollu tieghu lil konvenuti bid-dritt tas-sostituzzjoni favur uliedhom;

3. Illi l-ghaqda attrici ghandha nteress li tidhol fil-pussess legali tal-legat fuq imsemmi;

4. Illi, interpellati, anke per mezz ta' ittra ufficjali, sabiex jimmittu lill-ghaqda attrici fil-pussess ta' l-imsemmi legat, l-istess konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant, l-ghaqda attrici titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha :

1. Tikkundanna lill-istess konvenuti jimmettu lill-istess Azzjoni Kattolika Maltija fil-pussess ta' l-imsemmi legat, u konsegwentement jipprestawlha l-istess legat ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, liema immissjoni ghandha ssir in forza tas-sentenza jew bi kwalunkwe mod iehor li jkun ordnat minn din il-Qorti bil-provvedimenti opportuni, inkluz l-izgumbrament tal-konvenuti mill-fond in kwistjoni fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat lilhom minn din il-Qorti;

B'riserva ta' drittijiet ohra u ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-ghaqda attrici, u bl-ispejjez, inkluzi €170.74 tal-ittra ufficjali ta'

l-4 ta' Frar, 2009, kontra l-istess konvenuti, li minn issa jinsabu ngunti ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kollha li eccepew kif isegwi:

1. 'Illi fl-ewwel lok, in via preliminari u assolutament minghajr pregudizzju, l-Azzjoni Kattolika Maltija m'ghandha l-ebda *locus standi* sabiex tisstitwixxi kawza ta' din n-natura, peress li la hija persuna guridika u lanqas korp morali li tista' toqghod bhala parti f'kawza, u di piu' mhijiex ghaqda kostitwita u/jew registrata skond kif tesigi l-ligi, u ghaldaqstant il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, l-entita' attrici trid tipprova li qabel ma istitwiet il-proceduri odjerni hallset it-taxxi kollha dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in konnessjoni mal-legat minnha pretiz. Fin-nuqqas, hawn ukoll il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi *dato ma non concesso* illi ma jigux milqguha l-ewwel zewg eccezzjonijiet, u dejjem bla pregudizzju ghas-sueccepit, hawnhekk si tratta ta' legat li huwa kondizzjonat, u illi sal-gurnata tal-mewt tat-testatur, il-kundizzjoni msemmija fit-Tieni Artikolu tat-testment fl-atti tan-Nutar Rachel Busuttil tat-18 ta' Dicembru tas-sena 2004 ma avveratx ruhha; u dan kif se jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza. Ghalhekk l-entita'

attrici ma tistax titqieghed fil-pussess tieghu kif qed titlob fil-kawza odjerna.

4. Illi fi kwalunkwe kaz, jekk tali legat gie in vigore bis-sahha tat-tielet paragrafu ta' l-Artikolu Tnejn tat-testment sucitat ghandu jigi rilevat illi dan il-legat allura huwa limitat ghad-dar u mhux ghall-garage.

5. Illi kwantu jirrigwarda t-talbiet, dawn huma generici in kwantu anke intalab l-izgumbrament tal-konvenuti mill-fond mertu tal-legat fuq imsemmi minghajr ma saret talba ghal dikjarazzjoni li huma qed jokkupaw minghajr ebda titolu validu fil-ligi; illi ghalhekk kwantu jirrigwarda din il-parti tat-talba din zgur li m'ghandhiex tintlaqa'.

Salv risposti ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-entita' attrici, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.'.

Rat ix-xiehda, affidavit, certifikat tal-mewt, ricerki testamentarji, testmenti, statuti generali, dikjarazzjoni *causa mortis*, ittra, certifikat ta' registrazzjoni, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal datat 3 ta' Novembru, 2020 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti Azzjoni Kattolika Maltija qieghda titlob li tigi mmessa fil-pussess tal-legat imholli lilha minn Emanuel Farrugia permezz ta' testment tat-18 ta' Dicembru, 2004 fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Busuttil (ara testment a fol. 8 *et seq* tal-process). Ir-rikorrenti qieghda titlob il-legat li tippretendi li jikkonsisti fil-fond, cioe' d-dar inkluz il-'back garden' u l-garaxx li hu adjacenti ghad-dar, accessibli minn bibien markati ufficjalment bin-numri 8 u 9, f'Notabile Road, Birkirkara, bl-arja libera taghha.

Illi min-naha tal-intimati Mary Rose Espinosa et li jigu n-neputijiet tal-mejjet Emanuel Farrugia, gew nominati u istitwiti mill-imsemmi Emanuel Farrugia bhala werrieta universali tieghu f'porzjonijiet ugwali bejniethom. Preliminarjament eccepew li r-rikorrenti Azzjoni Kattolika Maltija m'ghandha l-ebda *locus standi* sabiex tistitwixxi kawza ta' din in-natura peress li la hija persuna guridika u lanqas korp morali li tista toqghod bhala parti f'kawza. Di piu' lanqas m'hija ghaqda kostitwita u/jew registrata skont kif tezigi l-ligi u ghalhekk il-konvenuti sahqu li ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Fit-tieni lok eccepew li l-entita' attrici ghandha tipprova li qabel ma istitwiet il-proceduri odjerni, hallset it-taxxi kollha dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in konnessjoni mal-legat minnha pretiz. Bla pregudizzju eccepew ukoll illi l-legat huwa wiehed kondizzjonat, li sal-gurnata tal-mewt tat-testatur, il-kundizzjoni msemmija fit-Tieni Artikolu

tat-testment tat-18 ta' Dicembru, 2004 ma avveratx ruhha, ghalhekk l-entita' ma tistax titqieghed fil-pussess tal-legat. Il-konvenuti eccepew ukoll li fi kwalunkwe kaz, jekk il-legat dahal fis-sehh bis-sahha tat-Tielet Artikolu, il-legat kien limitat ghad-dar biss u mhux ukoll ghall-garaxx. Finalment eccepew li t-talbiet huwa generici, in kwantu anki intalab l-izgumbrament tal-konvenuti mill-fond, minghajr ma saret talba ghal dikjarazzjoni li huma qed jokkupaw minghajr ebda titolu validu fil-ligi, ghalhekk kwantu jirrigwarda dik il-parti zgur li m'ghandiex tintlaqa'.

**<u>Eccezzjoni preliminari:</u>**

L-intimati Mary Rose Espinosa et eccepew preliminarjament illi r-rikorrenti Azzjoni Kattolika Maltija m'ghandha l-ebda *locus standi* sabiex tistitwixxi l-kawza peress li la hija persuna guridika u lanqas korp morali li tista' toqghod f'kawza. Ukoll li m'hijiex ghaqda kostitwita u/jew registrata skond kif tesigi l-ligi u ghaldaqstant sahqu li ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Permezz ta' nota ntavolata nhar it-18 ta' Marzu, 2011 ir-rikorrenti Azzjoni Kattolika Maltija pprezentat l-istatut generali li kien sar bl-approvazzjoni ta' l-Awtorita' Ekklesjastika li jmur lura ghas-sena 1965 (ara statut generali a fol. 34 tal-process). Jirrizulta li ghalkemm mhux registrata l-ghaqda attrici kellha personalita' guridika fiz-zmien rilevanti ghall-mertu tal-kawza, u dan ghaliex kif jirrizulta mill-atti kellha statut taghha approvat mill-Awtorita' Ekklesjastika. L-istatut kien jistabbilixxi li ghandu jkun hemm

President Generali nominat mill-Episkopat tal-Provincja Maltija, li flimkien ma' l-Assistent Ekklesjastiku Generali huwa responsabbli tat-tmexxija ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija. Ukoll il-President Generali kellu wkoll l-irwol illi:

> '(b) Jirrapprezenta l-A.K.M. f'dak kollu li jirrigwarda l-attijiet civili, taht kull aspett; huwa jista', f'kazijiet partikolari, meta jidhirlu li hu mehtieg, jiddelega lil persuna jew persuni ohra dawn il-poteri u funzjonijiet civili kollha tieghu, jew parti minnhom, taht dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu xieraq u opportuni.'

Dan l-istatut generali gie recentement emendat, liema emendi gew approvati permezz ta' digriet tal-5 ta' April, 2019 tal-Konferenza Episkopali Maltija u dahlu fis-sehh fl-14 ta' April, 2019 (ara digriet u statut generali emendat a fol. 135 *et seq* tal-process). F'dan l-istatut emendat gie ndikat b'mod car li l-Azzjoni Kattolika Maltija hija assocjazzjoni pubblika mwaqqfa mill-Provincja Ekklezjastika ta' Malta skont il-Ligi Kanonika tal-Knisja Kattolika. Hekk jiddetta dan l-istatut illi:

> '1.1 **In-Natura Ekklezjali tal-Azzjoni Kattolika Maltija**
>
> 1.1.1 L-Azzjoni Kattolika Maltija (AKM) hija ghaqda ta' lajci li minn rajhom jissiehbu f'sura organika u shiha, imqanqlin mill-Ispirtu s-Santu, f'xirka mal-Isqof u mal-Presbiteri, biex skont is-sejha proprja taghhom, u b'metodu specifiku, jghinu, ghat-tkabbir tal-komunità nisranija kollha, fil-hidma pastorali u fit-thabbir tal-Evangelju fl-ambjenti kollha tal-hajja, bil-fedeltà kollha u b'kull hegga.

1.1.2 Hi assoccjazzjoni pubblika mwaqqfa mill-Provincja Ekklezjastika ta' Malta skont il-Ligi Kanonika tal-Knisja Kattolika; hija rregolata mill-kanono 312-320 (CIC 1983) u mmexxija minn lajci fuq bazi volontarja.

1.1.3 Hi ghaqda mhux governattiva.

1.1.4 Hija organizzazzjoni li ma taghmilx profitt kif definit fl-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap. 492 tal-Ligijiet ta' Malta).'

Fil-mori tal-kawza xehdu Sebastian Micallef – rapprezentant tal-Kummissarju Ghal Organizzazzjonijiet Volontarji (fol. 28 *et seq*); Dr Claude Sapiano – bhala rapprezentant tar-Registru tal-Artijiet (fol. 36 *et seq*); u l-Ispettur James Grech – bhala rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija (fol. 44 *et seq*) li lkoll ikkonfermaw li r-rikorrenti Azzjoni Kattolika Maltija m'hijiex registrata maghhom. Madanakollu jirrizulta li r-rikorrenti Azzjoni Kattolika Maltija ricentament irregistrat ruhha mal-Kummissarju Ghal Organizzazzjonijiet Volontarji. Di fatti gie pprezentat vera kopja ta' *certificate of enrolment* minn fejn jirrizulta li nhar il-15 ta' Ottubru 2019, l-Azzjoni Kattolika Maltija giet registrata u rikonoxxuta bhala ghaqda volontarja bin-numru ta' identifikazzjoni VO/1743 (ara s-*certificate of enrolment* a fol. 164 tal-process).

Ghalkemm jigi nnutat li l-ghaqda Azzjoni Kattolika Maltija giet registrata bhala ghaqda volontarja skont il-Ligi ferm wara l-ftuh

tal-kawza odjerna, il-Qorti ma tarax li ghandha tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-intimati stante li anke qabel tali registrazzjoni r-rikorrenti kellha personalita' guridika. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak espost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni preliminari.

**<u>It-tieni eccezzjoni:</u>**

L-intimati Mary Rose Espinosa et fit-tieni eccezzjoni taghhom eccepew li l-entita' attrici trid tipprova li qabel ma istitwiet il-proceduri odjerni hallset it-taxxa kollha dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni relatati mal-legat. Fin-nuqqas, il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom imbaghad jargumentaw li la darba ma kinitx thallset it-taxxa qabel il-prezentata tal-kawza, dan xorta rrenda l-proceduri difettuzi.

B'din l-eccezzjoni l-Qorti tifhem li l-intimati kienu qeghdin jaghmlu referenza ghall-Artikolu 63 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferiment (Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta) li jistipula li l-ebda proceduri legali dwar xi proprjeta' li ghandha tidhol f'dikjarazzjoni *causa mortis* ma tista titmexxa, jekk ma jigix muri li d-dikjarazzjoni jew avviz tkun saret kif imiss u tinkludi l-proprjeta' li ghaliha jirreferu l-procedimenti. Madanakollu a differenza ta' dak mitlub mill-intimati, l-Artikolu 63 jistipula li fl-eventwalita' li jigu stitwiti proceduri legali, qabel ma' ssir id-dikjarazzjoni *causa mortis,* dan ghandu jwassal sabiex il-proceduri jigu mwaqqfa u ma jitkomplewx qabel ma tigi rimedjata in-nuqqas. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-intimati li jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ghar-raguni li ma saritx id-dikjarazzjoni

*causa mortis* fic-cirkustanzi tal-kawza odjerna ma tregix. Illi l-Artikolu 63 tal-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

'(1) Ebda persuna li hi marbuta li tagħmel dikjarazzjoni jew li ddaħħal avviż dwar trasferiment *causa mortis* dwar trasferiment taxxabbli jew li għandha tħallas it-taxxa skont xi disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma tista', wara li jgħaddi ż-żmien preskritt għall-egħmil ta' dik id-dikjarazzjoni jew avviż tibda jew tmexxi proċedimenti legali, jew tagħmel xi talba f'xi dipartiment tal-Gvern, dwar xi proprjetà li għandha tidħol f'dik id-dikjarazzjoni jew avviż jekk ma jiġix muri li d-dikjarazzjoni jew avviż tkun saret kif imiss u tinkludi l-proprjetà li għaliha jirreferu l-proċedimenti jew it-talba.

(2) In-nuqqas tal-prova li d-dikjarazzjoni jew l-avviż tkun saret jista' jiġi eċċepit mill-partijiet f'kull stadju tal-proċedimenti legali, u f'kull każ għandu jitqajjem mill-qorti ex officio. Il-proċedimenti legali għandhom imbagħad jitwaqqfu minnufih u ma jistgħux jitkomplew qabel ma jiġi rimedjat in-nuqqas mill-persuna responsabbli għalih jew minn xi persuna oħra interessata.

(3) Fil-każijiet imsemmijin f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tagħti kull direttiva meħtieġa sabiex il-proprjetà li tkun l-oġġett tal-proċedimenti legali ma ġġarrab ebda preġudizzju.

(4) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux wara li jgħaddu għaxar snin mit-trasferiment causa mortis relattiv.'

Dan premess, mill-atti jirrizulta li t-taxxa dovuta mir-rikorrenti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni thallset. Di fatti giet prezentata kopja tad-dikjarazzjoni *causa mortis* datata 3 ta' Lulju, 2012 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel a fol. 53 *et seq* tal-process. Minn dan jitnissel illi s-sitwazzjoni giet sanata u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimati bl-ispejjez izda ta' din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**<u>It-tielet eccezzjoni:</u>**

Permezz tat-tielet eccezzjoni taghhom l-intimati Mary Rose Espinosa et jeccepixxu li hawnhekk si tratta minn legat kundizzjonat, liema kundizzjoni tinsab fit-Tieni Artikolu tat-testment tat-18 ta' Dicembru 2004, sal-gurnata tal-mewt tat-testatur ma avveratx ruhha. Jinsistu ghalhekk li la darba l-kundizzjoni ma avveratx ruhha, r-rikorrenti ma tistax titqieghed fil-pussess tal-legat. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-intimati jishqu li t-testatur Emanuel Farrugia kien talab diversi drabi sabiex jigi ammess fid-dar tal-anzjani, pero' dan qatt ma sar, bil-konsegwenza li dan baqa' qatt ma nghata din il-kamra singola bil-kamra tal-banju.

Illi r-rikorrenti tirrileva li mhux minnu li l-legat hu wiehed kundizzjonat u tghid li l-kelma 'kondizzjoni' ma tidher imkien fl-imsemmi testment. Tishaq li tant li l-legat ma kienx wiehed kundizzjonat li fit-tielet paragrafu t-testatur jiddikjara li f'kaz li ma jigix bzonn jidhol residenti fid-dar tal-Anzjani, hu xorta wahda jixtieq li l-proprjeta' msemmija tithalla bhala legat lill-Azzjoni Kattolika Maltija.

Illi din l-eccezzjoni hija bbazata fuq it-tieni artikolu tat-testment tat-18 ta' Dicembru, 2004 fl-atti tan-Nutar Rachel Busuttil a fol. 8 *et seq* tal-process li jaqra kif isegwi:

'IT-TIENI ARTIKOLU
It-testatur qed ihalli b'titolu ta' Legat a favur l-Azzjoni Kattolika il-fond, cioe d-dar inkluz l-back garden u l-garaxx li hu adjacenti ghad-dar, accessibli minn bibien markati ufficjalment bin-numri tmienja u disgha (8 u 9) Notabile Road, Birkirkara, bl-arja libera taghha. Il-garaxx hu bla numru u bla isem u hu accessibli wkoll minn Notabile Road, Birkirkara kif ukoll hu accessibli mid-dar numru tmienja u disgha f'Notabile Road, Birkirkara sabiex la darba tinbiegh din id-dar l-irkavat ta` din id-dar jintuza biss ghall-estenzjoni tal-bini tad-Dar ta` l-Anzjani Familja Mqaddsa, Numru tmienja u erbghin (48) Triq Markiz Scicluna, Naxxar.

It-testatur jiddikjara illi dan il-legat qed isir u qed jinghata peress illi t-testatur gie mwieghed mill-Amministrazzjoni li jigi milqut bhala resident f'kaz illi t-testatur jigi fil-bzonn fid-dar fuq imsemmija u li jinghata kamra "single" bil-kamra tal-banju maghha u li jhallas ir-rata ta` disa` liri Maltin u hamsin centezmu (Lm9.50) kuljum meta jidhol residenti.

It-testatur qieghed ukoll jiddikjara illi f'kaz illi hu ma jigix fil-bzonn sabiex jidhol residenti fid-dar tal-Anzjani fuq imsemmija hu xorta wahda jixtieq li l-proprjeta` fuq imsemmija fi Notabile Road Birkirkara tithalla bhala legat

lill-Azzjoni Kattolika ghall-iskop fuq imsemmi biss u cioe ghall-estenzjoni tad-Dar Familja Mqaddsa fin-Naxxar.

It-testatur ghal kull buon fini qed jiddikkjara illi l-affarijiet mobbli kollha li jinsabu fid-dar fuq imsemmija mhumiex inkluzi f'dan il-legat u b'hekk l-affarijiet mobbli tad-dar jghaddu a favur l-eredi tat-testatur kif ser jinghad hawn taht.'

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa dan it-tieni artikolu tat-testment tat-18 ta' Dicembru, 2004 u taqbel mal-intimati li dan il-legat verament kien suggett ghall-kundizzjoni li kienet li t-testatur jigi milquh bhala resident fid-dar tal-anzjani, f'kamra singola bil-kamra tal-banju maghha, dejjem jekk it-testatur jigi fil-bzonn. F'xenarju fejn it-testatur ma jigix fil-bzonn li jidhol bhala resident fid-dar tal-Anzjani, t-testatur stipula li l-legat xorta jghaddi f'idejn ir-rikorrenti Azzjoni Kattolika Maltija b'dan li r-rikavat mill-bejgh kellu jigi utilizzat biss ghall-estenzjoni tad-Dar Familja Mqaddsa fin-Naxxar.

Ghalhekk dak li ghandha tinvestiga din il-Qorti hu jekk effettivament it-testatur Emanuel Farrugia giex fil-bzonn li jigi milqugh bhala resident fid-Dar Familja Mqaddsa fin-Naxxar u jekk dan sehh u gie not lill-Amministrazzjoni tal-Azzjoni rikorrenti, da parti taghha l-Amministrazzjoni naqsitx milli tipprovdi dan.

**Provi prodotti dwar din l-eccezzjoni:**

Illi fil-mori tal-kawza xehdet Rita Bonello li tigi n-neputija tat-testatur fis-seduti tal-10 ta' Gunju, 2013 (fol. 57), tat-28 ta' Frar, 2018 (fol. 83) u tat-8 ta' Marzu, 2019 (fol. 80). Hi xehdet li tahdem bhala *social worker* u f'okkazzjoni fejn hija kellha konferenza iltaqghet ma' Joe Rossi. Peress li kellha l-karozza bil-hsara dan kien taha lift u hekk hija kienet qaltlu bis-sitwazzjoni taz-ziju taghha Emanuel Farrugia. Tghid li s-Sur Rossi kien qallha li kien ghadu kif miet wiehed u kien ser jikkuntatja lil Emanuel Farrugia sabiex imur jirrisjedi fid-dar izda skont hi baqa' ma gara xejn. Hekk xehdet fis-seduta tat-28 ta' Frar, 2018 illi:

| | |
|---|---|
| 'Xhud: | Dan ha nghidlek, ftit qabel kont seminar jiena, ghax nahdmu fl-istess linja. Jiena Social Worker ukoll, u kien hemm dan, s-Sur Rossi u kumbinazzjoni, jien dakinhar kelli karozza bil-hsara, u peress li hu, il-Home n-Naxxar u jien San Pawl tat-Targa, qalli ha ntik lift. Ghidtlu le, m'hemmx ghalfejn. Qalli le, ha dak, u ovvja kellimtu fuq iz-Ziju Lel u tlabtu bi hniena biex idahhlu, ghaliex iz-ziju kien minn dak it-tip, I mean, huh patri u hekk, qisu meta jara mara, peress li kien jghix wahdu, kont naf li ndejjquh. Kien isib, aw, suddizzjoni li nkunu ahna mieghu biss. U tlabtu bi hniena, kien qed itih hass hazinijat fl-ahhar ftit jigifieri. Hu qalli ara, kumbinazzjoni illum, dil-Gimgha, jew ma nafx ezatti, qalli miet wiehed, qalli issa ndahhlu. U jiena mort ghidtlu liz-Ziju Lel, ghidtlu zi, ha jdahhlek. U ma gara xejn. Xejn. Jigifieri dan miskin miet |

wahdu. Miet wahdu ghax ma stajniex immorru ahna u dak, u jumejn qabel miet, u aw, jumejn qabel wegga saqajh jigifieri.

Imhallef: Imma meta tghid ma gara xejn, ergajtu avvicinajtuhom intom?

Xhud: Mela, mela, mela. Marret ohti, marret ohti tghidilhom, tghidilhom biex idahhluh.

...

Imhallef: Wara dan l-incident, incident insomma, wara dan li gara vuoldiri, meta tak lift is-sur Rossi, etc., etc., inti ergajt avvicinajtu jew ohtok avvicinatu?

Xhud: Ohti.

Imhallef: Ohtok. U ohtok x'qaltlek? Naf li suppost tixhed hi ta.

Xhud: Qaltli l-istess kliem. Qaltli issa ha jdahhluh, ha jdahhluh, ha jdahhluh, u ma gara xejn.

Imhallaf: Imma qatt qalulhom m'ghandniex post jigifieri? Kienu jghidulha m'ghandniex post?

Xhud: Ha jdahhluh, mhux m'ghandniex post.

Imhallef: Ok.

Xhud: Ha jdahhluh. Anzi hemm kamra lesta, ha jdahhluh.’

Fis-seduta tat-8 ta’ Marzu, 2019 xehdet ukoll Monica Runco – in-neputija tat-testatur Emanuel Farrugia (a fol. 110 *et seq* tal-process) fejn qalet li zijuha kien talabhom biex jidhol fil-home pero’ dawn ma kinux dahluh. Tghid li f’okkazjoni minnhom zijuha kien mar fil-home ikellimhom u kien qallha li barra li sallbuh, talbuh ukoll tmintax il-ewro (€18). Hekk xehed:

‘Av: Issa apparti din tal- qalilkom li talbuh tal-home etc etc bhala hlasijiet hu x’ kien jghidilkom dwar il-home x’kien irid mil-home .

Xhud: Hu kien irid kamra .

Av: U ghal liema raguni ?

Xhud: Bil-kamra tal-banju ghax hu kien bniedem ta suggizzjoni kbira kien bniedem skrupluz hafna kien ma jhobb idejjaq lil hadd u kien hekk riedha il-kamra bil-kamra tal-banju .

Qorti: Baqgha insomma li hu cert li hu dan sal-ahhar baqa dar jigifieri ma marx jghix fiha f’ebda home .

Xhud: Hu talabhom biex imur imma ma dahluhx .

Qorti: Ok.

Av: Dal fatt illi talabhom kamra partikolari kif qed tiddeskriviha inti dan minn fejn kont tafu ?

Xhud: Qalli hu .

Av: Kien jghidlek hu .

Xhud: Qalli hu filfatt meta qal haduh gurnata jien kelli immur mieghu u ma halluniex meta gie lura qalli qalli ma dahluniex qalli li apparti li talbuni dak li talbuni talbuni 18 il-Euro kuljum qalli hasbuni iz-ziju tal-Amerika dawn .'

Fl-atti xehdet ukoll Mary Rose Espinosa (a fol. 125 *et seq* tal-process) li wkoll tigi n-neputija tat-testatur Emanuel Farrugia. Prattikament ix-xhud ma taghmel l-ebda accenn ghal kwistjoni tal-home pero' tghid li z-ziju sas-sena 2005 kien imur ghandha kull nhar ta' Hadd. Fis-sena ta' wara li ma baqax imur ghandha tghid li meta setghet kull nhar ta' Hadd kienet tohodlu l-ikel u kienet ratu nizel hafna. Hija esebiet ittra li ntbghatet minn Dr Joseph Bonello li mizzewweg lil ohtha Rita Bonello, liema ittra kienet intbghatet lill-Arcisqof Pawlu Cremona (ara ittra a fol. 119 *et seq* tal-process).

Fis-seduta tat-12 ta' April, 2019 xehed Dr Joseph Bonello a fol. 129 tal-process li huwa mizzewweg lill-konvenuta Rita Bonello. Huwa xehed kif isegwi:

> '…Li nista nikkonferma li fir-rigward ta sitwazzjoni vizavilazzjoni kattolika huwa li hu kien qalilna in my presence igifieri kien qalilna ghax I was there kien qalilna li kellu ftehim mal azzjoni kattolika biex jekk ikun ma jiflahx jasal ikun ma jiflahx tajjeb idahhluh fid dar tal anzjani tan Naxxar jekk minhiex sejjer zball tan Naxxar u Hu kien ftehim fuq rata bhallissa onestament ir rata mhiniex car f' mohhi bhallissa xkienet ezatament ir rata. Eventwalment gara li meta beda meta sahhtu bdiet tidditerjora gara li il il avvicina lis sur Rossi dana qed nitkellem xqal hu in my presence u mhux darba u tnejn milli nista naqbad u dejjem jghidulu issa nghidulek issa nghidulek issa nghidulek and at one point qal li qalulu li isma mhux dik ir rata rata ohra ghola ferm ghola. Ovjament il figure ma niftakarhomx. Igifieri umbghad irrizulta illi tant kienet marret lura sahhtu li umbghad spicca l-isptar umbghad miet. Pero kien ferm qabel ma spicca l-isptar kien avvicinhom biex idahhal kien avvicinta lis-Sur Rossi biex biex jiddahal skond il ftehim li kellhom u dejjem jghidilhom li m'ghandix post m'ghandix post u m'ghandix post igifieri. Daka nista nikkonfermah jiena because I heard it ma qalux lili ha nitkellem car biex biex inkun car pero I was present in the room when it was said .'

Illi da parti tar-rikorrenti Azzjoni Kattolika Maltija xehed biss Joseph Rossi – ex-*Home Manager* tad-Dar tal-Anzjani Sagra Familja

fin-Naxxar. Joseph Rossi jaghti spjegazzjoni kif kienet timxi l-procedura tal-applikazzjonijiet biex anzjan jidhol residenti fil-Home. Dwar is-Sur Emanuel Farrugia fid-deposizzjoni tieghu moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 65 *et seq* tal-process hu jghid li kien hemm diversi okkazjonijiet fejn kien icempillu sabiex jistaqsih jekk kienx wasal biex jidhol fil-*home*. Ix-xhud jesebixxi kopja tal-applikazzjoni tas-Sur Emanuel Farrugia minn fejn jirrizultaw notamenti b'dati li kienu cemplulu hu u volontarji tad-dar sabiex jaraw jekk riedx jidhol fil-home (ara applikazzjoni a fol. 68 tal-process). Dwar dan xehed illi:

> '…Fil-kaz tas-Sur Farrugia, fuq l-applikazzjoni tieghu hemm diversi dati li juri li cempilnilu u qalilna "mhux ghalissa, imma zommni fuq il-lista".
>
> 3. Is-Sur Emmanuel Farrugia darba minnhom kien cempilli biex jigi jkellimni. Kien gie u qalli li jixtieq ihalli d-dar tieghu lill-Azzjoni Kattolika Maltija ghal htigijiet tal-*Holy Family Home*, Naxxar. Konna tkellimna fuq l-estensjoni tal-bini tad-Dar biex takkomoda aktar anzjani. Qalli li meta jhoss il-bzonn jixtieq jidhol residenti fid-Dar. Qieghed nannetti ma' dan l-affidavit kopja fotostatika, li ghamilt jien stess, ta' l-applikazzjoni tas-Sur Emanuel Farrugia, li qieghed nimmarka "Dok. EF". Fuq din l-applikazzjoni jidhru miktubin ukoll id-dati ta' diversi drabi li jien, jew xi hadd iehor ghan-nom tieghi, cempiltlu biex nara jekk kienx wasal iz-zmien li jidhol residenti fid-Dar, skond l-istess applikazzjoni tieghu, peress li konna naghmlu tali notament meta ncemplu. Ghandi nghid illi kien hemm zmien meta kien jigi ta' spiss ikellimni d-Dar Sagra Familja,

u ghalhekk ma kienx ikun hemm il-bzonn li ncempillu. Niftakar li kien ghamel perijodu jigi bil-bicycle mid-dar tieghu fi Triq Notabile, Birkirkara, sad-Dar ta' l-Anzjani Sagra Familja, n-Naxxar, u konna noqoghodu nitkellmu.

4. Kont infurmat b'kollox lill-Bord tat-Tmexxija tad-Dar u wara zmien mhux hazin kien sar it-Testment minn naha tas-Sur Farrugia.

5. Ghamel zmien icempilli biex joqghod jitkellem mieghi, u darba kien talabni mmur inkellmu d-dar tieghu. Meta mort fhimt li kien baghat ghalija biex nara d-dar.

6. Beda jghaddi z-zmien u kien icempel u bdejt inhoss li qed ihossu wahdu u kemm il-darba inkoraggejtu jidhol residenti fid-dar imma kien jghidli "Mhux ghalissa". Kellimtu kemm-il darba, kemm wicc imb'wicc anke bit-telefon, u kont nghidlu biex jidhol il-Home, imma dejjem kien jghidli li ghalissa jista' jibqa' jghix id-dar tieghu u meta jaghmel il-hsieb ikkellimni. Fuq l-applikazzjoni hemm diversi dati meta cempilnilu.'

Fis-seduta tat-28 ta' Frar, 2018 rega' xehed Joseph Rossi a fol. 80 *et seq* tal-process. Meta mistoqsi jekk da parte tal-Home kienx hemm okkazjonijiet li s-Sur Emanuel Farrugia talabhom li jidhol residenti u da parti taghhom qalulu li ma kienx hemm post huwa wiegeb li le, anzi kienu jcemplulu huma. Hekk xehed:

| | |
|---|---|
| 'Dr. Guido Pace Spadaro: | Qatt talabkom biex jigi u ghidtulu m'ghandniex post, jew ghidtulu le? |
| Xhud: | Le, ma niftakarx, anzi konna ncemplulu ahna. Niftakar darba tellghajtu meta ghamilna l-estensjoni tal-bini, u wrejtu kamra jigifieri. Ghidtlu din aktarx titbattal, ghidtlu ma tithajjarx jiena? Hu dejjem kien jghidli mhux ghalissa jigifieri u! Kien jidher li wasal iz-zmien li jidhol, u kont ninkoraggih hafna infatti u! |
| Dr. Guido Pace Spadaro: | Peró qatt ma chaddtuh milli jidhol jigifieri. |
| Xhud: | Le, assolutament u jigifieri, anzi, kif jista', kif hawn fuq l-applikazzjoni jigifieri' |

In kontro-ezami fis-seduta tat-8 ta' Marzu, 2019 (fol. 95 *et seq* tal-process) Joseph Rossi meta mistoqsi fuq id-dati mnizzla fuq l-applikazzjoni li x-xhud jghid li huma d-dati meta sar kuntatt mas-Sur Emanuel Farrugia da parti tal-Home sabiex jaraw jekk iridx jidhol huwa jghid is-segwenti:

| | |
|---|---|
| 'Av: | … Minn dik l-applikazzjoni hemm xi kitba li taghraf li hija tieghek? |

Xhud: Hemm filfatt hemm zgur tnejn jew tlieta hemm hemm l-initials tieghi fihom.

Av: Liema huma jekk jogghbok?

Xhud: Hawn hekk skond hawn hekk hawn il- 30th March 2002 hemm ohra ta' qabilha jekk qed nara sew la naf 15 lanqas 25 January 2002 umbghad hemm ukoll kitba tieghi qeghda fil-genb 2006 hawn June jew May 27th May jew 27th June.

Av: Mela qed tghidli hemm zewg entries minn dawk I hemm fil qiegh tal-pagna qed nifhem sew?

Xhud: Hawn tnejn on the right tal tal miktubin hawn hekk .

Av: Fil qiegh tal-lemin hux hekk.

Xhud: Ehe.

Av: U din tat 2006 li ghidt issemmi liema hi.

Xhud: On the other end.

Av: On the other end taht il-linja igifieri.

Xhud: Ehe.

Av: Il-linja tal-applikazzjoni

Xhud: Ehe.

Av: U dik ta fuq il-linja ta' min hi?

Xhud: Mhux kitba tieghi.

Av: Mhux kitba tieghek. Hemm igifieri il kitbiet l-ohra li hemm af ta min huma?

Xhud: Ehe dana kien ikollna file daqshiex ta' applikazzjonijiet biex jidhlu hu, jiena kelli team ta volontiera every now and then inqabbad lil xi hadd biex icempel halli dawk li m'ghadhomx interessati jitnehhew l-applikazzjonijiet ma jibqghux fil-file hu.

Av: Imma specifikatament ta min kitibhom l-entries l-ohra li ma ktibtx int? Apparti dawk it-tlieta ma tafx. Le.

Xhud: Le I mean jistghu ikunu minn tlieta jew erbgha voluntiera li kien ikolli fl-ufficju.

Av: Issa inti ghidt ukoll fl-affidavit tieghek illi Emanuel Farrugia kien jghid fuq l-applikazzjoni tieghu hemm diversi dati li juru li cempilnilu u qalilna mhux ghalissa imma zommni fuq il-lista.

Xhud: Ehe.

Av: Dak li qed tixhed fl-affidavit qed tixhdu fuq dak li irrizultalek f'dak id-dokument li qed nurik Affol tmienja u sittin hux hekk igifieri.

Xhud: Ehe.

Av: Qed tixhed a bazi ta dak li qed tara.

Xhud: Mhux dak biss ghax hu kien icempilli spiss kien hemm mumenti li kien qed ihossu down igifieri u jien kont ninkoreggieh biex jidhol speci qieghed wahdek u hekk hu u hu kien ihossu down hafna kien naturalment jaqbad u jcempel hu.'

**Kunsiderazzjonijiet:**

Mill-atti huwa car li hemm zewg verzjonijiet totalment diversi dwar dak li xtaq jew talab Emanuel Farrugia lejn l-ahhar ta' hajtu. Il-konvenuti jishqu li l-mejjet Emanuel Farrugia meta gie fil-bzonn u talab sabiex jidhol residenti fil-*Home* skonthom dan ma ddahhalx. Min-naha taghha r-rikorrenti tinsisti li offriet diversi drabi l-possibilita' lil Emanuel Farrugia sabiex imur jirrisjedi fil-*Home* madanakollu huwa dejjem infurmaha li kien ghadu mhux il-mument.

Illi l-Qorti rat li mill-mod kif gie deskritt il-mejjet mill-konvenuti, jirrizulta li t-testatur Emanuel Farrugia kien bniedem misthi, skrupluz u ma jhobb idejjaq lil hadd (ara deposizzjoni ta' Rita Bonello a fol. 85 *et seq* tal-process u deposizzjoni ta' Monica Runco a fol. 110 *et seq* tal-process). Il-Qorti tifhem li r-raguni primarja l-ghaliex it-testatur ried kamra singola bil-kamra tal-banju maghha meta jasallu z-zmien li jidhol fil-*Home* kienet proprju minhabba dan. Dan gie rifless ukoll fid-dispozizzjoni testamentarja tieghu tat-testment tat-18 ta' Dicembru, 2004 (fol. 8) precizament fit-Tieni Artikolu, fejn it-testatur ghazel li jnizzel specifikatament il-kliem '*…f'kaz illi t-testatur jigi fil-bzonn fid-dar fuq imsemmija…*'. Minn dan il-kliem jinsorgi li x-xewqa tat-testatur kienet li jidhol fid-Dar ta' l-Anzjani biss jekk jigi fil-bzonn. It-testatur ha hsieb ukoll li jkopri c-cirkostanza f'kaz li ma jigix bzonn li jmur fid-dar tal-Anzjani, fejn huwa xorta stipula li l-legat ghandu jghaddi a favur tal-Azzjoni Kattolika Maltija.

Il-Qorti tinnota li l-applikazzjoni tat-testatur Emanuel Farrugia sabiex jidhol jirrisjedi fid-Dar tal-Anzjani giet intavolata lura fis-16 ta' April, 1996 (a fol. 68). In-notamenti cioe' id-dati miktubin bl-uzu tal-pinna fil-parti ta' isfel tal-applikazzjoni, li jirrapprezentaw id-dati li fihom it-testatur giet ikkuntatjat sabiex jigi vverifikat jekk huwiex interessat li jmur jirrisjedi fid-Dar tal-Anzjani, jidher li bdew isiru fit-12 ta' Awwissu, 2002 u baqghu ghaddejjin sas-27 ta' Mejju, 2006 (mhux car hux Mejju jew Gunju). Il-Qorti tinnota li hdejn din id-data tnizzel notament partikolari u cioe' 'Int . .  only for the New Wing'. Dan jirrifletti dak li jixhdu dwar id-decuius tista' tghid ix-xhieda kollha fl-atti u cioe' li hu ried li jkollu kamra bil-kamra tal-banju maghha u jirrizulta li dawn kienu possibbli biss fl-estensjoni l-gdida. Ix-xhud Joseph Rossi jghid ukoll li

apparti d-dati mnizzla kien hemm okkazzjonijiet ohra fejn hu personalment kien stieden lit-testatur Emanuel Farrugia sabiex imur jirrisjedi fid-Dar tal-Anzjani u li notament taghhom ma sarx.

Illi da parti tal-konvenuti l-uniku xhud li tghid li sar tentattiv fejn avvicinat lid-Dar tal-Anzjani kienet dik ta' Rita Bonello (fol. 57) li xehdet li waqt li kienet konferenza kienet kellmet direttament lis-Sur Joseph Rossi dwar it-testatur Emanuel Farrugia u dan da parti tieghu qalilha li ser jikkuntattjah. Ix-xhud Monica Runco (fol. 110) tghid li marret darba l-*home* ma zijuha t-testatur Emanuel Farrugia pero' ma dahlitx ghaliex ma dahluhiex. Tghid li dakinhar zijuha qalilha li ma tawhx kamra u li talbuh hafna flus. Il-Qorti mill-assjem tal-atti u wkoll minn notamenti fuq l-applikazzjoni li jaslu sa anqas minn sena qabel gie nieqes Emanuel Farrugia, tqis li huwa aktar probabbli li dakinhar li z-Ziju mar il-*Home* hu jew ma kienx kuntent bil-kamra offerta lilu jew xorta wahda kien ghadu mhux qed ihoss il-bzonn li jingabar fl-istess. Dwar il-flus inghad li lil din ix-xhud qalilha li talbuh tmintax-il Euro kuljum li meqlubin ghal Liri Maltin jigu anqas minn tmien Liri Maltin (Lm8) allura anqas minn kemm kien gie miftiehem mal-istess dar kif jidher fl-iskrittura ffirmata minnu esebita a fol. 172 tal-process, li tindika s-somma ta' disa' Liri Maltin u nofs kuljum (Lm9.50). Il-Qorti aktar temmen li sa dakinhar li hu mar il-*Home* ma' din ix-xhud iz-ziju li stennietu barra kien ghadu mhux lest li jingabar fid-dar, izda probabilment minhabba l-karattru riservat tieghu kien aktar komdu jibqa' d-dar u ma riedx juri b'dan lill-qraba tieghu.

Illi mill-assjem tal-provi l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li t-testatur ma marx fid-Dar tal-Anzjani fuq ghazla libera tieghu, ghaliex ma kienx ihoss li kellu bzonn imur u mhux ghar-raguni allegata mill-

konvenuti li ma nghatax kamra meta talabha. Mill-banda l-ohra l-Qorti tqis li r-rikorrenti kellha kull incentiv li taghti l-kamra meta mitluba kif jirrizulta li kien joffri diversi d-drabi r-rapprezentant taghha Joseph Rossi, filwaqt li ma jaghmel l-ebda sens logiku li kienet tirrifjuta l-kamra in vista tac-cirkustanzi tal-ftehim bejn il-partijiet.

Ukoll il-Qorti tosserva li t-testment sar fit-18 ta' Dicembru, 2004 (fol. 8). It-testatur miet ferm wara u cioe' fil-21 ta' April, 2007 (fol. 3) u ghalhekk jekk hass li r-rikorrenti ma kinitx qed ittih is-servizz miftiehem kellu kull possibilita' li jibdel it-testment izda dan ma ghamlux. Finalment skont ix-xiehda ta' Rita Bonello jirrizulta li l-kundizzjoni tat-testatur aggravat ferm ghall-aghar f'daqqa wahda lejn l-ahhar xhur ta' hajtu tant li kellu jigi rikoverat l-isptar. Jirrizulta li f'dawn iz-zminijiet hadd mill-familjari tad-decuius ma ghamel kuntatt mal-*Home* tant li Joseph Rossi jikkonferma wkoll li ma kienx gie nfurmat bil-mewt tieghu.

Finalment il-Qorti tqis li ghandha tirrileva li l-konvenuti qed jippretendu li din il-Qorti temmen il-verzjoni taghhom li r-rikorrenti rrifjutat il-kamra lit-testatur tul hajtu filwaqt li mill-provi rrizulta li qatt hadd minnhom ma ghamel personalment kuntatt dirett mal-*Home* sabiex jivverifikaw verament il-fatti u wkoll jekk verament it-testatur kellu bzonn il-kamra jikkonfermaw huma stess li din effettivament kienet qed tigi rifjutata lilu. Il-Qorti temmen il-verzjoni tar-rikorrenti li hija korroborata minn xhud u dokumenti li kien l-istess testatur li dejjem baqa' jzomm lura milli jaccetta li l-kundizzjoni tieghu kienet li ma setax jibqa' jghix wahdu u li kien wasal iz-zmien li jmur jghix fil-*Home.* Jirrizulta ghalhekk lill-Qorti li kien l-istess

testatur li qatt ma hass verament il-bzonn li jmur jirrisjedi fil-*Home* ghalkemm huwa minnu li lil hinn minn dak li kien jahseb l-istess testatur, l-kundizzjoni ta' sahha tieghu kienet tirrikjedi li hu jaghmel hekk.

Fid-dawl ta' dak suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll din l-eccezzjoni.

**<u>Ir-raba' eccezzjoni:</u>**

Illi permezz tar-raba' eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew li fi kwalunkwe kaz, jekk tali legat gie in vigore bis-sahha tat-tielet paragrafu tal-Artikolu Tnejn, jigi rilevat li dan il-legat allura huwa limitat ghad-dar u mhux ukoll ghall-garaxx.

A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti taghmel referenza ghat-tielet paragrafu tat-Tieni Artikolu tat-testment tat-18 ta' Dicembru, 2004 li gja gie kwotat *in toto* aktar il-fuq. Jirrizulta li f'dan il-paragrafu, it-testatur jaghmel referenza ghall-'*proprjeta' fuq imsemmija fi Notabile Road Birkirkara*' u bl-ebda mod ma jiddistingwi bejn id-dar u l-garaxx. Fil-fehma tal-Qorti huwa car li bl-uzu tal-kelma 'proprjeta`' t-testatur kien qieghed jinkludi kemm id-dar kif ukoll il-garaxx aktar u aktar ikkunsidrat li entrambi d-dar u l-garaxx jinsabu f'Notabile Road, Birkirkara. Jekk ghal grazzja tal-argument, it-testatur ried jghaddi b'legat unikament id-dar u mhux il-garaxx, kien jispecifika billi juza l-kelma 'dar' u mhux bhal fil-kaz odjern fejn it-testatur ghamel l-uzu tal-kelma generika 'proprjeta''. Ghaldaqstant il-Qorti assolutament ma taqbilx mal-argument tal-konvenuti u ser tghaddi sabiex tichad ukoll din l-eccezzjoni.

**Il-hames eccezzjoni:**

Fil-hames u l-ahhar eccezzjoni, l-konvenuti jeccepixxu li t-talbiet huma generici anke in kwantu ntalab l-izgumbrament tal-konvenuti mill-fond mertu tal-legat fuq imsemmi minghajr ma saret talba ghal dikjarazzjoni li huma qed jokkupaw minghajr ebda titolu validu fil-ligi. Sahqu li kwantu dak li jirrigwarda dik il-parti tat-talba m'ghandiex tigi milqugha.

Illi l-Artikolu 156 sub-artikolu 1 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddetta x'ghandu jkun fih ir-rikors guramentat. Hekk jaqra dan l-Artikolu:

'(1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih –

(a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;

(b) ir-raġuni tat-talba;

(ċ) it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati; u

(d) f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:

> "Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kiftrid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.
>
> Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża.".'

Mill-artikolu appena kwotat jirrizulta li huwa rikjest li d-dikjarazzjoni ghandha tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza f'paragrafi numerati separatament, sabiex isahhah it-talba. Il-Qorti tinnota li fir-rikors guramentat odjern id-dikjarazzjoni li saret f'paragrafi enumerati mill-wiehed (1) sal-erba' (4) bhala oggett tal-kawza titratta unikament il-legat imholli lir-rikorrenti Azzjoni Kattolika Maltija. Fid-dikjarazzjoni ma sar l-ebda accenn ghall-izgumbrament tal-konvenuti mill-fond, ghajr accenn brevi fit-talba. In oltre fl-atti ma tressqet l-ebda prova dwar jekk hemm xi hadd mill-konvenuti li qed jokkupa l-proprjeta' in kwistjoni. Il-Qorti ghalhekk tqis li din l-eccezzjoni hija gustifikata limitatament ghal dik il-parti tat-talbiet fejn jintalab l-izgumbrament tal-konvenuti mill-proprjeta' mertu tal-legat.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti salv il-hames eccezzjoni li qed tigi milqugha;

2. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament u tikkundanna lill-konvenuti jimmettu lir-rikorrenti Azzjoni Kattolika Maltija fil-pussess tal-legat tal-fond u cioe' dar inkluz il-*back garden* u l-garaxx adjacenti ghad-dar, accessibbli minn bibien markati ufficjalment bin-numri tmienja u disgha (8 u 9), Notabile Road, Birkirkara bl-arja libera taghha kif ahjar deskritta fit-testment, u konsegwentement tikkundannhom jipprestawlha l-istess legat ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Ghal dan l-ghan il-Qorti qed tinnomina lin-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel sabiex jippubblika l-att relattiv u atti ancillari sabiex issehh l-immissjoni fil-pussess fi zmien massimu ta' xahrejn minn meta din id-decizjoni tghaddi in gudikat. Tinnomina lil Dr Alex Scerri Herrera sabiex jidher fuq l-att bhala kuratur in rapprezentanza tal-konvenuti li jistghu jonqsu milli jidhru fuq l-istess att.

3. Ghar-ragunijiet kif suesposti, tichad it-talba tar-rikorrenti f'dik il-parti fejn intalab l-izgumbrament tal-konvenuti mill-proprjeta' in kwistjoni, b'riserva ghal kull azzjoni ohra li tista' tispetta lir-rikorrenti f'dan ir-rigward jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kif mitluba, ghajr ghal dawk tat-tieni eccezzjoni li ghandhom jiqbghu bla taxxa bejn il-partijiet, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**22 ta' April, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**22 ta' April, 2021**